**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 27 ta' Gunju, 2017**

Numru 2

**Appell Nru. 8/2017**

**Charles Fenech**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Maria Psaila tat-30 ta’ Marzu 2017 mid-digriet tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-23 ta’ Marzu 2017 fejn giet michuda l-eccezzjoni preliminari taghha dwar in-nullita tar-rikors ta’ appell maghmul minn Charles Fenech;

Rat ir-risposti tal-Awtorita u ta’ Charles Fenech;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Dan l-appell jirrigwarda punt strettament ta' ligi mqajjem min Maria Psaila quddiem it-Tribunal f'risposta ghall-appell interpost mit-terz interessat Charles Fenech quddiem l-istess Tribunal.

Jigi rilevat illi l-applikazzjoni ta' Maria Psaila 'to regularise additions to approved residence' fil-Bidnija San Pawl il-Bahar PA 3985/15 kien gie approvat fit-22 ta' Lulju 2016. It-terz interessat appella fiz-zmien moghti mill-ligi quddiem it-Tribunal ta' Revizzjoni. Il-punt rilevanti tal-appell qed jigi riportat ghax fuqu jdur il-validita o meno tal-appell fil-forma prezentata:

> I am writing on behalf of my Client, Mr. Charles Fenech, the latter already being a third party objector by way of PAB 8/12.
>
> Please note that my Client would like to object to the decision taken by PA for reasons which shall be submitted shortly.

It-Tribunal fid-decizjoni tieghu tat-23 ta' Marzu 2017 qal hekk:

> B'referenza ghall-verbal datat 2 ta' Marzu 2017 jirrileva illi l-appellanti sahaq illi l-appell dahal fil-perjodu stabbilit skond il-Ligi u ghalhekk ghandu jigi salvat;
>
> Ai finijiet ta' forma, jiddikjara illi ma gewx elenkati r-ragunijiet tal-appell stante li l-perit li ha hsieb l-appell kien f'perjodu ta' problemi ta' sahha personali li kien jirrikjedi safar;
>
> Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi fic-cirkostanzi eccezzjonali tal-appellanti, l-eccezzjoni ta' nullita' ghandha tigi michuda;

Ghalkemm it-Tribunal iqis dan bhala digriet ma hu xejn hlief decizjoni in parte fuq eccezzjoni preliminari mressqa mill-appellata Maria Psaila u dak li ser jigi kunsidrat ser jitqies f'dan id-dawl. Il-Qorti tqis l-insenjamenti tas-sentenzi kkwotati mill-appellant bhala l-qies li fuqhom din il-Qorti ghandha tirrisolvi l-kwistjoni:

> Illi jibda biex jigi osservat li f'materja ta' nullita tal-atti –kwestjoni meqjusa bhala wahda odjuza ghal finijiet ta' amministrazzjoni ta' gustizzja- kull nullita ghandha titqies dejjem bhala l-eccezzjoni u mhux ir-regola. In-nullita tal-atti hija sanzjoni estrema li l-ligi timpani biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jigi assolutament tollerat bhala hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali (**Vella vs Cefai**, App 04/11/1991 (Kollez. Vol: LXXV.ii.467). Att gudizzjarju ghandu alura jitqies null biss ghal ragunijiet gravi u serji fil-limiti taddispozizzjonijiet espresso tal-ligi. Fuq kollox, il-ligi tal-

> procedura hija mahsuba biex il-kawzi jimxu b'heffa u efficjenza, ekonomija u harsien tal-jeddijiet tad-difiza u tal-principji tal-gustizzja naturali, u mhumiex mahsub biex joholqu htigijiet purament formali li jservu biss biex jaghtu lil xi wahda mill-partijiet f'kawza mezz biex tehles mill-obligi taghha jew biex tirbah il-hin. Kull partikolarita li l-ligi trid li tkun "essenzjali" f'att gudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas taghha jxekkel serjament u irrimedjabilment xi wiehed jew aktar mill-ghanijiet legittimi tal-ligi procedurali hawn imsemmija (**Vella et vs Medserv Operations Limited**, PA 31/10/2008).

Precizati dawn il-parametri l-artikolu 15 tal-Kap. 551 jiddisponi hekk:

> Appell minn decizjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar ghandu jkun fil-forma ta' rikors, u ghandu:
> (a) jaghmel refrenza ghad-decizjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar li minnha qed isir appell;
> (b) isemmi distintament il-kapi tad-decizjoni li maghhom ma hemmx qbil taht intestaturi differenti, flimkien mar-ragunijiet taht kull intestatura ghaliex ikun qieghed isir l-appell;
> (c) jiddikjara specifikament taht kull intestatura l-mod kif huwa mixtieq li d-decizjoni tigi varjata; u
> (d) jinkludi kull dokumentazzjoni rilevanti ghall-motivazzjonijiet tal-appell.

Harsa lejn l-appell mressaq quddiem it-Tribuanl min Charles Fenech ma jhallix dubju f'mohh il-Qorti illi s-subartikolu (b) tal-istess artikolu bl-ebda mod ma hu sodisfatt, anzi lanqas hemm l-icken indikazzjoni ghaliex qed jappella l-appellant. It-Tribunal, kif dejjem sostniet din il-Qorti, ghandu jiddeciedi fuq l-aggravji migjuba, senjatament fil-prezentata tad-dokument tal-appell u t-Tribunal ma ghandux ihalli li jigu prezentati aggravji ohra waqt it-trattazzjoni tal-appell hlief f'cirkostanzi eccezzjonali bhal dawk ta' natura ta' ordni pubbliku. It-Tribunal f'dan il-kaz ma ghandux aggravji x'jiddeciedi ghaliex fit-terminu perentorju ghal prezentata tal-appell ma ngiebu ebda aggravji ghall-iskrutinju tat-Tribunal u l-appellat ma kellu ebda bazi fuqhiex jirrispondi ghall-aggravji. L-appell tal-appellant hu avviz ta' appell mhux appell kif trid il-ligi taht l-artikolu 15 tal-Kap. 551.

Dan mhux kaz fejn l-appellant ma ressaqx l-aggravji tal-appell b'mod car jew kien jehtieg elaborazzjoni fuq l-aggravju sollevat jew xi zieda ohra li ma taffetwax is-sustanza tal-mertu jew id-difiza fejn allura l-estremi tan-nullita ma japplikawx. F'tali kaz kien ikun applikabbli l-artikolu 46 tal-Kap. 551 riprodott mill-artikolu 175 tal-Kap. 12 pero dan hu kaz fejn il-forma essenzjali mehtiega mill-ligi tal-procedura kif dettata mill-ligi tal-ippjanar ma gietx segwita assolutament. Il-ligi tghid car u tond illi l-

appellant ghandu (sottolinear tal-Qorti) u mhux jista' (sottolinear tal-Qorti) isemmi l-aggravji fl-appellipprezentat. In-nuqqas assolut tal-appellant li jsegwi din il-procedura ma jistax ma jwassalx hlief ghan-nullita tal-att. Ir-raguni tat-Tribunal cioe li l-perit tal-apellant kellu diffikultajiet minhabba sahha prsonali sfortunatament ma tiggustifikax dan in-nuqqas billi l-appellant seta' fittex l-ghajnuna ta' professjonist iehor biex jipprezenta l-appell.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' Maria Psaila u kwindi tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-23 ta' Marzu 2017, u tiddikjara null u inammissibbli l-appell ta' Charles Fenech quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fil-proceduri tal-PA 3985/15. Spejjez ghall-appellat Charles Fenech.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur